# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 905/01**

**Numru 29**

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Simon Zammit u Doris Zammit in solidum**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti in solidum ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u ghoxrin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi, (Lm4,624.24), import ta' kambjali mill-konvenuti iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi u mmarkati Dok 1 sa 33, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu. Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha

inkluzi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 34 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 40 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti "in solidum" jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti "in solidum" naqsu u ma dehrux fit-22 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,624.24,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur